**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 24 ta' Frar 2021**

**<u>Rikors nru: 157/2019;</u>**

**AB**

**Vs**

**CD**

**U**

**Direttur Registru Pubbliku**

**Il-Qorti ;**

**Rat ir-rikors guramentat ta' AB datat 20 ta' Gunju 2019 fejn esponiet bir-rispett u kkonfermat;**

1. Illi l-attrici kellha relazzjni mal-konvenut minn liema relazzjoni twieled wild wiehed E, nhar id- 29 ta' Mejju 2017.

2. Illi dir-relazzjoni intemmet bejn il-partijiet de quo, u l-imsemmi wild qed jitrabba esklussivament mil-attrici, filwaqt li l-konvenut qed jirrifjuta li jirrikonxxi l-paternita' tal-istess wild;
3. Illi fil-fatt fic-certifikat tat-twelid tal-imsemi wild 3883 tas-sena 2017, hawn allegat Dok A, l-istess tifel imnizzel bhala wild l-attrici, izda missier mhux maghruf;
4. Ghalhekk kellha ssir dil-kawza.
5. Illi l-attrici giet ammessa ghall-beneficcju tal-ghajnuna legali permezz ta' digriet tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili datat 21 ta' Frar 2019 (talba numru 39/2019).

**Ghaldaqstant l-esponenti titlob lil dina Onorabbli Qorti joghgobha;**

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut CD huwa l-missier naturali tal-minuri E u dana anka permezz ta' testijiet xjentifici ta' paternita' jekk ikun il-kaz.
2. Tordna li ssir korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-istess minuri numru 3883 tas-sena 2017, limitatament u specifikament fil-kliem 'missier mhux maghruf' li ghandhom jig sostitwiti bl-isem tal-konvenut, u;
3. Tiddikjara illi l-konvenut konsegwentament ghandu obbligu li jmantni lil istess minuri, mid-data tat-twelid tieghu.

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut ingunt minn issa in subizzjoni.**

**Il-Qorti rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 29 ta' Lulju 2019 fejn Dr. Neil Harrison ghan-nom u in rapprezentanza tal-istess Direttur bil-gurament tieghu jiddikjara u jikkonfermna s-segwenti;**

1. Illi preliminarjment l-esponenti huwa tal-umli fehma illi ghall -integrita' tal-gudizzju, il-minuri EB ghandu jkun parti minn din il-kawza debitament rapprezentat ai termini tal-Artikolu 782, 782 u 783 tal-Kap.  12 tal-Ligijiet ta' Malta.
2. Illi bla pregudizzju ghas-suespost u l-mertu l-esponenti jistqarr li ma hux edott mill-fatti li gew dikjarati fir-rikors guramentat;
3. Illi stante s-suespost, l-esponenti jirrimetti ruhu ghar-rizultanzi istruttorji u umilment jitlob lil Qorti sabiex tistieden lill-partijiet kollha koncernati sabiex jissotomettu ruhhom ghat-testtijiet genetici kif provdut fl-Artikolu 100A tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta, sabiex jigi verifikat jekk il-konvenut huwiex verament il-missier naturali tal-minuri EB;
4. Illi  bla hsara ghas- suespost, f'  kaz li jintlaqaw  it-talbiet rikorrenti, l-esponenti jistieden  lill-konvenut CD sabiex jipprezenta nota  bid-dettali personali tieghu , li tispecifika senjatament, 1. In-numru tal-karta tal-idenitita' tieghu, ismu u kunjomu, l-eta' tieghu meta twieled EB, il-post tat-twelid tieghu, il-post tar-residenza meta twieled EB, Isem u kunjom missieru, u jekk l-imsemmi missier patern kienx ghadu haj meta twieled EB. Tali informazzjoni hija mehtiega sabiex eventwalment tigi inserita  fl-att tat-twelid, tal-minuri EB;
5. Illi bla pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jirrileva illi l-partijiet kontendenti ghandhom jiddeciedu b' mod definittiv liema kunjom ghandu jassumi EB, u dan a tenur tal-Artikolu 92 tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta.
6. Illi finalment dejjem minghajr hsara ghal fuq espost, l-esponenti jissotometti li fi kwalunkwe kaz, l-azzjoni tar-rikorrenti mhx attriwibbli ghal xi ghemil jew nuqqas ta' agir tal-esponenti, u kwindi huwa ma ghandux jigi assoggetat ghall-ispejjez tal-kawza istanti;
7. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjes kontra ir-rikorrenti li qed jigu ingunti minn issa in subizzjoni.

Il-Qorti rat ir-risposta ta' Dr. Benjamin Valenzia u PL. Hilda Ellul Mercer mahturin kuraturi deputati skont digriet datat 30 ta' Lulju 2019, ad litem tal-minuri EB illi jesponi bir-rispett;

1. Illi l-kuraturi deputati mhux edotti mill-fatti hlief li huwa gew notfikat bih permezz tar-rikors guramentat;
2. Il-Qorti ghandha tordna li jsiru dawk it-testijiet tad-DNA mehtiega sabiex jigi accertat b' mod xjentifiku, li CD huwa l-missier naturali tal-minuri EB.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri permessibbli skont il-ligi.

**IKKUNSIDRAT;**

Illi l-kawza tittratta l-azzjoni dikjaratorja ta' paternita' ta' wild. Permezz tal-azzjoni odjerna, l-attrici qed titlob li l-konvenut D jigi dikjarat bhala l-missier naturali ta' binha EB, li twieled fid-29 ta' Mejju, 2017, u li ghalhekk ghad ghandu kwazi erba' snin. Mill-provi prodotti jirrisulta li l-attrici kellha relazzjoni intima ma' D, fix-xhur precedenti t-twelid ta' binha, u li dak iz-zmien kienet tiffrekwenta lilu biss, u ghalhekk hi tal-fehma li D huwa l-missier naturali tat-tifel. Min-naha tieghu, il-konvenut D deher f'seduta l-Qorti u ammetta li hu l-missier naturali, izda dan ma lahaqx ikkonfermah bil-gurament tieghu.

Illi ghalhekk il-Qorti kienet innominat lil Dr. Marisa Cassar sabiex televa l-kampjuni ta' DNA tal-minuri u tal-konvenut D, kif fil-fatt kienet ghamlet, izda

ir-rapport baqa' ma giex ippresentat lill-Qorti peress illi l-attrici u l-konvenut D ma kienux hallsu l-ispejjez tal-ezamijiet genetici li kienet ghamlet Dr. Cassar. Minghajr din il-prova xjentifika, il-Qorti ma tantx ghandha fuq hiex timxi biex din il-kawza tigi trattata u deciza skond il-ligi. Kienet l-attrici stess, fit-talbiet taghha, li talbet ghal testijiet xjentifici biex tigi determinata l-paternita' tal-minuri.

Huwa risaput fil-ligi nostrana li huwa fl-aqwa interess tal-minuri li l-paternita' tieghu tigi determinata. L-istat attwali illum huwa li l-wild ghandu indikat fic-certifikat tat-twelid li l-missier mhux maghruf. Bil-kawza odjerna l-attrici qed titlob li l-konvenut D jitnizzel bhala l-missier naturali, u ghalhekk jigi korrett ic-certifikat tat-twelid mizmum fir-Registru Pubbliku. Fin-nuqqas tat-testijiet xjentifici, li ma gewx finalizzati minhabba fl-inadempjezza tal-attrici u tal-konvenut D, il-Qorti ser ikollha tara x' provi ohra gew prodotti mill-partijiet biex tasal ghall-paternita' o meno tal-minuri.

L-attrici xehdet f'dawn il-proceduri u qalet li fiz-zmien qabel ma twieled il-minuri, hi kellha relazzjoni intima mal-konvenut D biss, liema verzjoni baqghet tikkonfermaha anke meta giet kontro-ezaminata. Din il-verzjoni mhix kontradetta b'ebda provi ohra jew verzjonijiet differenti, u ghalhekk il-Qorti tista' tikkonsidra dan bhala fatt ippruvat. Il-konvenut D, min-naha tieghu, kien deher fis-seduta tat-30 ta' Lulju, 2019, u ammetta li hu kien il-missier naturali tal-minuri. Di fatti, dakinhar stess, il-partijiet kienu ddikjaraw lill-Qorti li l-minuri seta' jiehu kunjom il-konvenut, ladarba t-talbiet attrici jintlaqghu.

Il-Qorti kkunsidrat li huwa fl-ahjar u l-aqwa interess tal-istess minuri li l-paternita' tieghu tigi stabbilita. Anke jekk l-aqwa prova – li f'dan il-kaz kien it-

test genetiku – ma sehhx kif gia' inghad u l-prova ghalhekk ma gietx prodotta, hemm bizzejjed provi biex wiehed jasal ghall-konkluzjoni li CD huwa fil-fatt il-missier naturali tal-minuri E. Ghalhekk it-talbiet attrici ser jintlaqghu, inkluz it-talba ghall-manteniment, li ser jibqa' fil-minimu li l-Qorti solitament takkorda f'kawzi ta' din ix-xorta, tenut kont tal-mezzi limitati taz-zewg partijiet.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Tilqa' t-talbiet attrici, u konsegwentement:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenut CD, huwa l-missier naturali tal-minuri E.
2. Tordna li ssir id-debita korrezzjoni fl-att tat-twelid tal-istess minuri numru 3883 tas-sena 2017, limitatament u specifikament fil-kliem 'missier mhux maghruf' li ghandhom jig sostitwiti bl-isem tal-konvenut, flimkien mal-konnotati personali tal-istess konvenut D hekk kif indikat fin-nota tal-attrici. Il-kunjom tal-minuri ghandu jigi korrett ghal 'D'.
3. Tordna lill-konvenut ihallas manteniment ghall-minuri fis-somma ta' mitejn u ghoxrin Ewro (€220) fix-xahar, liema somma tinkludi nofs l-ispejjez ordinarji ta' sahha w edukazzjoni, u dan b'effett mill-1 ta' Jannar, 2021. Dan il-manteniment ghandu joghla b' ghoxrin Ewro fix-xahar (€20) kull tlitt snin, sa ma l-minuri jaghlaq l-eta' ta' tmintax-il sena, u jibqa' hekk jithallas jew sa dik l-eta' jew sa ma jaghlaq tlieta w ghoxrin sena jekk il-wild jibqa' jistudja u ma jkollux impieg 'full time'.

L-ispejjez ghandhom jinqasmu bin-nofs bejn l-attrici u l-konvenut D.

**Anthony J Vella**

**Imhallef**

**Concetta Gauci**

**Deputat Registratur**